ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2021**

## Il-ĦDAX-IL SENA L-ETIKA IL-ĦIN: Siegħa

L-Isem: ______________________________________ Il-Klassi: _______________

**Għall-użu tal-għalliema**

| Ix-Xogħol – Modules 1 & 2 (Year 9) 30 % | Ix-Xogħol – Modules 4 & 5 (Year 10) 30 % | Il-Kitba 40 % | It-Total 100 % |
|---|---|---|---|
| | | | |

**1. Imla l-vojt b'dawn il-kliem t'hawn taħt. (5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **ix-xjenza** | **l-valur** | **ir-reliġjonijiet** | **t-testi** | **niddeċiedu** |

Kulturi, reliġjonijiet u fehmiet umanisti jħarsu lejn it-tifsira u _____________________ tal-ħajja umana minn lenti differenti. _____________________ kollha jemmnu li l-ħajja hi l-ħolqien ta' Alla u kull ħlejqa hi ta' Alla. Għalhekk meta niġu għall-mistoqsijiet dwar il-valur tal-ħajja umana, dawk li jemmnu għandhom bħala gwida _____________________ qaddisa u l-interpretazzjoni tradizzjonali tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-Umanisti ma jemmnux fl-intervent divin, u allura l-gwida tagħhom tkun _____________________ u r-raġuni. Per eżempju, meta wieħed jiddiskuti l-ewtanasja, għal dawk ta' fehma reliġjuża l-ewtanasja hi prattika immorali għaliex ħajjitna hi f'idejn Alla. L-Umanisti jemmnu li ħajjitna hi tagħna, u għalhekk aħna għandna dritt li _____________________ d-destin tagħna, inkluż meta ntemmu ħajjitna.

**2. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba. (5 marki)**

(i.) Meta ngħidu li l-ħajja umana għandha valur intrinsiku nfissru li:

a. Nirrispettaw lill-bnedmin għal dak li huma, bħala l-għan.

b. Nirrispettaw lill-bnedmin għal dak li jistgħu jagħmlu jew jipprovdu, bħala mezz.

(ii.) "Id-duttrina tal-qdusija tal-ħajja" tfisser li:

a. Il-ħajja tista' tintemm mill-bnedmin skont iċ-ċirkostanzi.

b. Kull ħajja hija sagra u għalhekk qatt ma tista' tintemm mill-bnedmin.

(iii.) Il-frażi "Piena Kapitali" tintuża meta:

a. xi ħadd joqtol lil persuna bħala att ta' tpattija.

b. l-istat joqtol kriminal wara li huwa jew hija tkun wettqet reat serju ħafna.

(iv.) Għandek id-dritt li tiddefendi lilek innifsek meta:

a. xi ħadd jattakka fiżikament lilek jew il-propjetà tiegħek.

b. m'għandekx grazzja ma' xi ħadd, tant li tixtieq tweġġgħu.

(v.) Il-kontraċezzjoni hi:

a. it-tkomplija tal-konċepiment u t-tqala.

b. il-prevenzjoni tal-konċepiment u t-tqala.

**3. Aqra dan li ġej u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (10 marki)**



**It-trawma kerha ta' tifla ta' 10 snin biex tagħmel abort b'mod legali fil-Brażil.**

F'Awwissu tal-2020, tifla ta' 10 snin mill-istat ta' Espírito Santo, fil-Brazil, skopriet li kienet tqila minn zijuha, li kien ilu jistupraha għal 4 snin sħaħ. Hu heddidha biex ma tgħid lil ħadd. It-tifla, li tgħix mal-familja estiża tagħha, riedet ittemm it-tqala. Li tkun tqila f'età hekk żgħira kien ifisser li t-tifla setgħet tmut minħabba t-tqala. Skont il-liġi Brażiljana, li taċċetta li jsir abort f'każ ta' stupru, u meta hu neċessarju li jsir biex issalva l-ħajja tal-mara, hi kellha d-dritt li tagħmlu. Biss, l-isptar fejn kienet irrifjuta li jagħmel l-abort, għax qal li m'għandux l-awtorità li jagħmel din il-proċedura. Wara

l-intervent ta' mħallef u vjaġġ ta' 900 mil biex tirċievi l-kura, it-tifla fl-aħħar għamlet l-abort fis-17 ta' Awwissu, u b'hekk temmet it-tqala.

Wara d-deċiżjoni tal-imħallef, dimostranti kontra l-abort għalqu l-aċċess għall-isptar u taw fastidju u insultaw lill-ħaddiema li jaħdmu fih. Meta waslet, it-tifla kellha tidħol fil-faċilità moħbija fil-bagoll ta' minivan. Kienet qed iżżomm żewġ soft toys.

Sfortunatament, dan il-każ mhux rari fil-Brażil. L-istudji jgħidu li bejn wieħed u ieħor, kull siegħa 4 bniet Brażiljani minn 13-il sena 'l isfel jiġu stuprati, ħafna drabi minn xi ħadd jiġi minnhom. Għalkemm legalment għandhom dritt jirrikorru għall-abort, isibu diffikultà biex ikollhom aċċess għalih, u minħabba l-pandemija tal-Covid-19, is-servizz ġie ristrett aktar.

Addattat mis-sit Human Rights Watch Website:
https://www.hrw.org/news/2020/08/20/10-year-old-girls-ordeal-have-legal-abortion-brazil

1a. Semmi **2 modi** kif lit-tifla ta' għaxar snin saritilha l-ħsara. (2 marki)

________________________________________________

________________________________________________

1b. X'inhu meħtieġ biex l-att sesswali **ma jitqiesx** bħala stupru? (marka)

________________________________________________

2. Għaliex l-att sesswali ma' persuna taħt l-età dejjem jitqies bħala stupru? (marka)

________________________________________________

________________________________________________

3. Spjega x'inhu d-dritt għal-ħajja (fil-qosor) u spjega għalfejn ħafna nies jaħsbu li l-fetu m'għandux l-istess dritt għal-ħajja bħalma għandha l-omm. (2 marki)

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

4. Issuġġerixxi u spjega **2 raġunijiet** għala dawk li bdew jipprotestaw kontra l-abort dehrilhom li għandhom iwaqqfu t-tifla milli tagħmel abort. (2 marki)

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

5. Attivisti li kienu favur l-għażla appoġġaw l-għażla tat-tifla li ttemm it-tqala. Agħti **2 raġunijiet** għaliex nies li huma favur l-għażla jappoġġjaw id-dritt tal-mara li tagħmel abort mingħajr periklu. (2 marki)

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

**4. Aqra dan li ġej u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (10 marki)**

**Brittany Maynard: L-għażla ta' pazjenta b'kanċer terminali**



**https://www.npr.org/sections/thetwo-way/2014/11/03/361094919/as-planned-right-to-die-advocate-brittany-maynard-ends-her-life?t=1607087462581**

Brittany Maynard, mara ta' 29 sena minn Oregon kellha kanċer terminali f'moħħha. Hi għażlet li ttemm ħajjitha permezz ta' suwiċidju assistit bl-għajnuna ta' tabib. Dan it-tip ta' suwiċidju huwa legalment disponibbli skont il-liġi *Mewta b'Dinjità*, fl-istat ta' Oregon fl-Istati Uniti tal-Amerka.

Kif kien ippjanat, u skont l-iskeda tagħha, hi mietet fi stat ta' paċi fid-dar tagħha, is-Sibt l-1 ta' Novembru, imdawra bil-familja u l-ħbieb. Meta għażlet is-suwiċidju assistit, Sa Maynard qalet, "Qed nagħżel li ngħaddi lili nnifsi minn inqas uġigħ emozzjonali u fiżiku." Hi kompliet, "Ma rridx immut, imma qed immut. Il-kanċer se joqtolni, u hu mod mill-aktar terribli kif wieħed imut. Meta nħares lejn iż-żewġ possibilitajiet li bihom nista' mmut, min-naħa l-kanċer u min-naħa l-oħra mewta permezz tal-mediċina, inħoss li d-doża fatali tal-mediċina hi ħafna aktar umana."

Imma xi nies li jikkunsidraw suwiċidju assistit, fl-aħħar jiddeċiedu li ma jagħmluhx. Bejn wieħed u ieħor, 40% ta' dawk li jkollhom id-doża letali tal-mediċina f'Oregon, fl-aħħar ma jmutux permezz tas-suwiċidju imma bil-marda. Skont l-artiklu f'The New Atlantis, l-awtur Courtney Campbell kiteb, "F'għaxar snin, 541 resident ta' Oregon irċevew ir-riċetta medika letali biex itemmu ħajjithom. Minn dan in-numru, 341 pazjent ħadu l-mediċina."

Forsi aktar hi l-għażla ta' mewta b'dinjità li hi tassew importanti f'każi bħal dawn. Fil-każ tas-Sa. Maynard, forsi kien eħfef li tissaporti l-uġigħ, issa li taf li hi għandha l-kontroll ta' ħajjitha. Sa. Maynard stess qalet, "Qed nagħżel li nbati inqas, li nnaqqas l-uġigħ lili nnifsi u lil familti. Dan hu solljev kbir immens."

Meta wieħed iħares lejn il-liġi tas-Suwiċidju Assistit u l-Ewtanasja fl-istat ta' Oregon, jew l-*"Att dwar il-Mewta b'Dinjità"*, l-aktar tliet punti importanti tal-liġi huma i) l-awtodeterminazzjoni tal-pazjent, ii) l-immunità professjonali u l-integrità, u iii) ir-responsabbiltà pubblika. It-tlieta li huma jidhru ċari fil-każ ta' Brittany Maynard. Fl-aħħar jiem ta' ħajjitha kienet tidher ikkonfortata minn żewġha, ommha u missierha tar-rispett, u l-ħbieb meta qalet, "Inħossni ffortunata immens li se nitlaq imdawra bl-imħabba."
*(addattat minn PEOPLE Magazine, Ottubru 2014)*

1a. Aqta' sing taħt liema tip ta' ewtanasja, jew suwiċidju assistit, juri dan l-istudju tal-każ. (marka)

Ewtanasja passiva volontarja

Suwiċidju assistit attiv volontarju

Ewtanasja passiva involontarja

Suwiċidju assistit attiv involontarju

1b. Spjega l-għażla tiegħek ta' mistoqsija **1 a)** (marka)

__________________________________________________________

__________________________________________________________

2. L-istudju tal-każ juri li madwar 40% biss ta’ dawk ir-residenti ta’ Oregon li kkunsidraw l-ewtanasja u rċevew ir-riċetta medika letali biex itemmu ħajjithom, attwalment jagħmlu s-suwiċidju. Agħti **2 raġunijiet** għala xi nies **ma jagħżlux** l-ewtanasja, imma minflok jagħżlu li jgħaddu mit-tbatija sal-aħħar nifs. (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

3. Fil-ligi *Mewta b’Dinjità* tal-istat ta’ Oregon, l-Amerka, wieħed mill-prinċipji hu li l-persuna tiddeċiedi hi l-għażliet tagħha. Spjega fil-qosor, billi tagħti **2 argumenti**, għaliex dan il-prinċipju huwa importanti. (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

4. Immaġina li qed tikteb liġi dwar l-ewtanasja/suwiċidju assistit għal pajjiż fejn dawn mhux legali s’issa. Kieku x’tip ta’ ewtanasja tissuġġerixxi, u għaliex? (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

5. Liema żewġ prekawzjonijiet kont tniżżel fil-liġi biex tassigura li ma jkunx hemm abbuż u li d-drittijiet tan-nies ikunu rispettati? (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**5. Agħżel wieħed minn dawn l-argumenti dwar il-ħajja u l-mewt. L-ewwel identifika l-argumenti etiċi u wara spjega l-opinjonijiet tiegħek dwaru f'madwar 200 kelma. (10 marki)**

i. Id-dritt li tiddefendi lilek innifsek
ii. Il-prevenzjoni tal-ħajja (il-kontraċezzjoni u l-abort)
iii. Il-piena kapitali

**TMIEM IL-KARTA**